# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**23 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**Onor. Dr. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Dr. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., Ar.Hist.S.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Major Peter Manduca

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru

## Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Smiegħ Xieraq - Żmien Raġonevoli - Proċeduri Ġudizzjarji - Bord tal-Kera - Kumpens Xieraq

*Ir-rikorrent kien intavola proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera għall-iżgumbrament minn ġnien tiegħu. Ir-rikorrent sussegwentement adixxa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi ppretenda li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu billi dik il-kawża kienet ħadet żmien irraġonevoli biex tiġi deċiża. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tar-rikorrent u llikwidatlu s-somma ta' Lm1700 għad-danni mhux pekunjarji. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza*

*appellata billi rriduċiet l-ammont mogħti bħala kumpens għall-Lm700.*

*Il-Qorti ħasset li l-proċeduri quddiem l-organi kompetenti għall-iżgumbrament kienu damu żżejjed. Il-Qorti daħlet f'indaġni dettaljata tar-raġunijiet għal dan id-dewmien u kkonkludiet li kien ġie leż id-dritt tar-rikorrent għas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

*Il-fatturi li l-Qorti kellha żżomm quddiem għajnejha fil-likwidazzjoni ta' kumpens għal danni mhux pekunjarji kienu d-durata tad-dewmien, in-natura tal-kawża, it-tbatija sofferta, l-operat tal-persuna leża, l-eżitu tal-kawża li damet, l-indoli tagħha.*

Il-Qorti:-

Fit-2 ta' Awissu, 1993, il-Maġġur Peter Manduca ppreżenta rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li fih ippremetta hekk:

Illi aktar minn ħdax-il sena ilu, ċjoe` fil-21 ta' April, 1982, huwa għamel kawża fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, kontra l-Onor. Prim Imħallef Dr. Hugh Harding biex jieħu lura l-ġnien tiegħu li żmien ilu kien mikri lill-istess Onorevoli Prim Imħallef;

Illi f'dik il-kawża l-Onor. Prim Imħallef Harding issottometta li dak il-Bord ma kienx kompetenti jiddetermina dak il-każ;

Illi l-Bord tar-Raba u l-Qorti ta' l-Appell damu aktar min ħdax-il sena biex qatgħu l-kwistjoni kienx kompetenti l-Bord tar-Raba. Il-kawża ġiet differita sitta u sittin (66) darba u fil-biċċa l-kbira ta' dawn id-differimenti ma sar ebda progress sostanzjali. Il-kwistjoni

tal-kompetenza tal-Bord tar-Raba ġiet deċiża mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ġunju, 1993;

Illi biex tiġi deċiża kwistjoni formali proċedurali, ta' importanza sekondarja, il-Qrati ħlew aktar minn ħdax-il *sena*. U dana mingħajr anqas biss għadu ntmess il-mertu tal-kawża, u ċjoe` jekk l-Onor. Prim Imħallef Harding għandux dritt jew le jkompli jokkupa l-ġnien ta' l-esponent;

Illi dan id-dewmien arbitrarju u oppressiv kontra l-esponent u favur l-avversarju tiegħu f'dik il-kawża, kiser id-dritt fundamentali ta' l-esponent għal smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Dana premess ir-rikorrent Maġġur Manduca talab lil dik il-Qorti jogħġobha tagħtih kull rimedju xieraq biex tiżgura t-twettiq tad-dritt fundamentali tiegħu fuq imsemmi, fosthom billi ssib it-Tribunali fuq imsemmija ħatja ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponent, u li tikkundanna lill-intimat iħallas kumpens xieraq għall-ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali. Bl-ispejjeż;

L-Onorevoli Prim Ministru ppreżenta risposta fis-6 ta' Awissu, 1993, li biha qal:

Illi l-esponenti ġie mħarrek għal kollox inutilment peress li hu b'ebda mod ma kien responsabbli għad-dewmien li minnu qed jilmenta r-rikorrent fil-kawża msemmija (kif ukoll jikkonċedi r-rikorrent stess fir-rikors tiegħu) peress li l-esponenti ma għandu ebda setgħa li jikkonduċi l-kawżi jew li jġiegħel lil xi Tribunal jew Qorti tagħti sentenza stante li dan ikun jikkostitwixxi inġerenza fl-

indipendenza tal-ġudikatura li hi protetta bil-Kostituzzjoni. L-Istat għamel dak li jista' jagħmel skond il-Kostituzzjoni billi pprovda liġijiet u strutturi sabiex il-kawżi jinstemgħu u jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli u ċertament dawn il-liġijiet u strutturi huma pjenament idoneji sabiex eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' tribunal tiġi deċiża f'perijodu ferm inqas minn ħdax-il sena u mingħajr il-ħtieġa ta' 66 differiment;

Illi għalhekk il-Gvern ma jistax jiġi mitlub iħallas kumpens għal ksur ta' drittijiet fundamentali meta hu b'ebda mod ma hu responsabbli għal tali ksur;

Fi kwalunkwe każ ma hemm ebda ness bejn il-kumpens pretiż u l-allegat ksur u għal din ir-raġuni wkoll ebda tali ħlas ta' tali kumpens ma hu ndikat;

Għaldaqstant, salvi eċċezzjonijiet oħra li jirriżultaw mit-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti għandu jiġi liberat mit-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu;

Fis-16 ta' Settembru, 1993, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet mill-kawża billi ddikjarat illi r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-Att XIV ta' l-1987, billi fil-konfront tiegħu l-Qrati tal-pajjiż ma tawx smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli u konsegwentement ikkundannat lill-intimat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta li jħallas lill-istess rikorrent l-ammont ta' Lm1,700 *in linea* ta' danni morali - bl-ispejjeż għall-istess intimat u dana wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-Onorevoli Prim

Ministru għar-rikors tal-Maġġur Manduca ġie interpretat mill-abbli difensur tar-rikorrent bħala eċċezzjoni tal-illeġittimita` tal-persuna fis-sens illi r-Rikors Kostituzzjonali ma kellux isir kontra l-Prim Ministru imma *se mai* kontra l-imħallef jew imħallfin konċernati fid-dewmien allegat;

Għalkemm l-abbli difensur ta' l-intimat sostna illi l-ewwel paragrafu tar-risposta tiegħu m'hijiex eċċezzjoni ta' l-illeġittimita` tal-persuna, pero` jekk wieħed jara sewwa dak illi hemm fl-ewwel paragrafu jirriżultaw almenu tliet punti;

L-ewwel punt huwa illi l-intimat tħarrek għal kollox inutilment peress li hu bl-ebda mod ma kien responsabbli għad-dewmien li minnu qed jilmenta r-rikorrent;

It-tieni punt huwa illi l-Istat għamel dak illi seta' jagħmel skond il-Kostituzzjoni billi pprovda liġijiet u strutturi biex il-kawżi jinstemgħu u jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli;

It-tielet huwa l-fatt illi tali liġijiet u strutturi ċertament huma biżżejjed biex eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' tribunal bħalma kienet l-eċċezzjoni li dwarha saret il-lanjanza huma idoneji pjenament biex jiddeċiedu eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' tribunal f'perijodu ferm inqas minn ħdax-il sena, u mingħajr il-ħtieġa ta' sitta u sittin differiment;

Mela dak illi qed jingħad hawnhekk huwa dak illi ntqal fil-kawża ċitata waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors, ċjoe` il-kawża **Stephen Attard *vs* Onorevoli Prim Imħallef Dottor Carmelo Schembri et** deċiża fit-29 ta' Ottubru, 1992 fejn kien proprju dan illi l-Prim Ministru, li kien imħarrek in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta

flimkien ma' l-Imħallfin in kwistjoni f'dik il-kawża, kien issottometta meta eċċepixxa "illi l-esponenti ġie intimat inutilment peress illi hu m'hu bl-ebda mod responsabbli għad-dewmien lamentat mir-rikorrenti ..... u l-Istat jipprovdi qrati biex il-kawżi jkunu jista' jkollhom smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli";

Il-Qorti f'dawk il-proċeduri daħlet dettaljatament fil-mertu tal-punt dwar min kellu jkun l-kontradittur f'rikors ta' din in-natura meta l-lanjanza tar-rikorrent kienet preċiżament illi l-Qrati, biex ma jingħadx l-imħallfin partikolari ċitati f'dak il-każ, kienu damu numru ta' snin biex jippronunzjaw ruħhom fuq talba li kienu għamlu l-istess rikorrenti;

Il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni illi l-Gvern ma setax jgħid illi huwa ma kellu l-ebda responsabbilta` billi l-liġi qegħda hemm u skond il-liġi l-kawżi għandhom kollha jimxu sewwa u jiġu konklużi fi żmien raġonevoli, u illi kien proprju allura l-Prim Ministru, in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta illi kellu jkun il-leġittimu kontradittur biex iwieġeb għal lanjanzi simili;

Jingħad ukoll illi f'sentenza preċedenti u preċiżament dik fil-kawża **Lucian Stafrace *vs* Agent Reġistratur tal-Qorti**, (deċiża fid-9 ta' Novembru, 1988), il-Qorti Kostituzzjonali kienet diġa` eskludiet lill-Ministru tal-Ġustizzja u lir-Reġistratur tal-Qrati milli joqgħodu in ġudizzju in kontradizzjoni għal allegazzjonijet simili;

Fil-kawża **Simon Brincat *vs* l-Onorevoli Prim Ministru *et*** (Appell 30 ta' Mejju, 1990) il-Qorti għamlet referenza għall-istess sentenza ta' Lucian Stafrace u rribadiet il-prinċipji li wassluha biex taqbel illi l-Ministru tal-Ġustizzja ma kellux iwieġeb għal kawża dwar dewmien. Din il-Qorti taqbel interament ma' tali

argumenti;

Senjatament jiġi preċiżat illi lanjanza bħal dik odjerna ma taqax taħt il-funzjonijiet tad-dipartimenti li jidħlu fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Anzi huwa neċessarju li l-Ministru tal-Ġustizzja ma jidhirx li jista' jirrispondi għal tali lanjanzi, billi huwa essenzjalissimu li s-separazzjoni tradizzjonali bejn id-dikasteri ta' l-Istat u tal-Ġudikatura tibqa' mhux mittiefsa;

Din il-Qorti kif presjeduta ma tistax tenfasizza żżejjed dan il-prinċipju li hi tirritjeni fundamentali għal protezzjoni assoluta tad-demokrazija tagħna;

*Ma hemm l-ebda dubbju li f'dan l-istadju dato ma non concesso* li r-rikorrent għandu raġun fil-mertu, ma jistax jingħad illi l-Prim Ministru naqas minn xi obbligu li hu, fil-funzjoni tiegħu *qua* Prim Ministru kellu jadempixxi. Anzi in lealta` mal-Qorti, l-abbli difensur tal-Prim Ministru, fir-risposta tiegħu, jikkonċedi li t-tul ta żmien allegat mir-rikorrent huwa inordinatament twil;

Il-Qorti taqbel ukoll illi l-Qrati tal-pajjiż huma strutturati b'mod illi kwistjoni bħal dik tal-kompetenza għandha tkun deċiża f'perijodu ferm inqas. Jekk hemm xi tort, dan it-tort hu tal-ġudikanti li ħallew il-kwistjoni titwal inutilment;

Imma meta rikorrent bħal dak odjern jiġi biex jipproċedi, huwa jrid jipproċedi kontra l-Istat. F'diversi fora esteri u internazzjonali fejn jiġu sindikati lanjanzi simili, l-vertenza ssir kontra l-Gvern tal-pajjiż. Il-proċedura tagħna ma tippermettix li kawża ssir kontra l-Gvern jew l-awtorita` imma kontra persuna in rappresentanza ta' awtorita`;

L-Imħallfin ma jirrappreżentawx lill-Istat. Huwa l-Prim Ministru tal-ġurnata li jrid jirrispondi għal tali lanjanzi, anke meta tali lanjanzi jkunu in parte jirrisalu għal żminijiet meta t-tmexxija tal-pajjiż kienet f'idejn ħaddieħor. In kwantu huwa jirrappreżenta, għalhekk, il-Gvern ta' Malta huwa jassumi r-responsabbilta` kollettiva għall-allegat ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja kif inkorporata fil-liġijiet ordinarji tal-pajjiż;

L-abbli difensur ta' l-intimat staqsa wkoll jekk hux il-każ illi persuni oħra, fosthom l-Imħallfin konċernati jkunu wkoll partijiet fis-smiegħ tar-rikors. Dan il-punt ma ġiex esplorat u ma saret ebda talba, la għall-kjamata fil-kawża u lanqas għall-intervent volontarju u għalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tippronunzja ruħha dwaru;

Dwar il-mertu, dina l-Qorti apparti dak li diġa` ntqal aktar 'il fuq, kellha l-pjaċir dubbjuż li teżamina l-proċess tal-Qorti ta' l-Appell deċiż fit-30 ta' Ġunju, 1993, fl-ismijiet **Major Peter Manduca *vs* Onorevoli Prim Imħallef Dottor Hugh Harding**;

Il-proċedura nbdiet b'rikors ta' Major Peter Manduca ppreżentat fil-21 ta' April ta' l-1982 quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, li fih ir-rikorrent talab lill-Bord jawtoriżżah jirriprendi l-pussess tal-ġnien imsemmi fl-istess rikors u talab ukoll illi l-Bord jogħġbu jillikwida l-kumpens dovut lill-intimat skond l-Att XVI ta' l-1967;

L-intimat eċċepixxa, fis-17 ta' Ġunju, 1982, illi l-Bord m'għandux ġurisdizzjoni jieħu konjizzjoni tat-talba billi l-fond li tiegħu r-rikorrent kien qed jitlob ir-ripreża ma kienx raba fis-sens ta' l-istess Att, u saret riserva għal eċċezzjonijiet oħra fil-mertu;

Xehed ir-rikorrent u xehed l-intimat, u saru noti ta' l-osservazzjonijiet dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni. Fil-5 ta' Novembru, 1982, inżamm aċċess mill-membri tal-Bord, u kienu preżenti l-partijiet assistiti mir-rispettivi difensuri;

Wara l-aċċess l-intimat talab li jagħmel nota ta' osservazzjonijiet addizzjonali, u din fil-fatt saret u saret replika mir-rikorrent. Il-kawża ġiet differita ripetutament għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u effettivament is-sentenza ma ngħatatx f'żewġ *okkażjonijiet, darba minħabba ndisposizzjoni tal-*maġistrat li jippresjedi l-istess Bord u darba minħabba ndisposizzjoni ta' wieħed mill-membri tekniċi ta' l-istess Bord. Għal xi raġuni li ma tirriżultax, il-kawża reġgħet ġiet differita għall-finali trattazzjoni u finalment ingħatat sentenza fit-2 ta' Lulju, 1984;

Bis-sentenza tiegħu l-Bord iddikjara ruħu kompetenti u minn dik is-sentenza sar appell permezz ta' rikors fl-4 ta' Lulju, 1984. Fil-11 ta' Lulju daħlet ir-risposta ta' l-Appell. L-Onorevoli Imħallef Harding astjena mis-smiegħ ta' l-appell, billi dak iż-żmien huwa kien wieħed mill-membri ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, b'nota datata 3 ta' Ottubru, 1984, u l-ewwel darba li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ wara dik l-astensjoni, ċjoe' fit-2 ta' Ottubru, 1985, wieħed mill-imħallfin komponenti l-Qorti ta' l-Appell kien indispost u l-kawża ġiet differita għat-18 ta' Novembru, 1985. F'dik id-data l-verbal jgħid illi b'ordni tal-Qorti l-kawża tibqa' differita għas-17 ta' Jannar, 1986;

Fis-17 ta' Jannar, 1986, deher l-avukat ta' l-appellant u ttratta l-appell, u l-kawża ġiet differita għas-7 ta' Frar, 1986, għall-kontinwazzjoni tat-trattazjoni mill-appellat. Tlett ijiem wara, fl-20 ta' Jannar, 1986, l-intimat indika b'nota l-ġurisprudenza ċitata fit-

trattazzjoni li kien għamel l-abbli difensur tiegħu;

Fis-7 ta' Frar, 1986, il-verba jgħid illi b'ordni tal-Qorti l-kawża tibqa' differita għall-5 ta' Marzu, 1986. Fil-5 ta' Marzu, 1986, il-verbal jgħid illi meta ssejjaħ l-appell Dottor Giovanni Bonello ittratta għall-appellant u Dottor Paul Mallia irrisponda għall-appellat, u l-kawża baqgħet differita għat-18 ta' April, 1986 għas-sentenza;

Saru tliet differimenti oħra kull darba għas-sentenza, meta fit-8 ta' Ottubru, 1986, il-kawża baqgħet għas-26 ta' Novembru, 1986, billi wieħed mill-membri komponenti l-Qorti ta' l-Appell kien indispost. Fis-26 ta' Novembru, 1986, il-kawża baqgħet għat-2 ta' Frar, 1987, biex tinstema' minn dik il-Qorti diversament kostitwita u saru diversi differimenti oħra meta fis-17 ta' Frar, 1989, billi l-Qorti ta' l-Appell kienet sadanittant diversament kostitwita, il-prolazzjoni tas-sentenza ġiet sospiża biex issir it-trattazzjoni u l-kawża ġiet differita għall-21 ta' April, 1989, f'liema data deħru l-avukati tal-partijiet u peress illi saret xi surroga, il-Qorti ordnat li ssir it-trattazzjoni mill-ġdid u l-kawża marret għas-26 ta' Mejju, 1989, għat-trattazzjoni. Fis-26 ta' Mejju, 1989, l-avukat tar-rikorrent kien imsiefer, u fuq talba tiegħu mhux opposta l-kawża baqgħet għas-16 ta'Ġunju, 1989, f'liema data d-difensuri ttrattaw l-appell, li allura reġa' ġie differit għall-20 ta' Ottubru, 1989, għas-sentenza. Fl-20 ta' Ottubru, 1989, is-sentenza ma ngħatatx u l-verbal jgħid illi l-Qorti kienet okkupata b'diversi sentenzi oħra, meta fis-7 ta' Marzu, 1990, sar rikors mill-intimat appellant fejn wera l-interess tiegħu illi l-kawża tieħu l-kors normali tagħha fuq il-punt li hemm quddiemha fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 1990, data li għaliha l-kawża kienet ġiet aġġornata;

Iżda fis-16 ta' Marzu, peress illi l-Qorti ta' l-Appell kienet

okkupata fl-għoti ta' diversi sentenzi, il-kawża reġgħet ġiet differita għat-8 ta' Ġunju, 1990. Fid-29 ta' Marzu, 1990, sar rikors mill-intimat fejn ġiet sollevata lanjanza oħra dwar punt pjuttost tekniku naxxenti mill-artikolu 9(2) ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba, u preċiżament fis-sens li dan l-artikolu jgħid illi "Kull kwistjoni illi tkun kwistjoni ta' liġi biss għandha tkun deċiża mill-President tal-Bord, waqt illi l-pronunċjament li ngħata fit-2 ta' Lulju, 1984, fil-kawża bejn *il-kontendenti ngħata mill-Bord.*" Dan naturalment ikkaġuna diversi differimenti oħrajn sakemm fis-7 ta' Ottubru, 1991, il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat nulla d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba a bażi ta' l-eċċezzjoni sollevata quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell, u ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-istess tribunal biex dan ikompli jieħu konjizzjoni tar-rikors u jittrattah skond il-liġi;

Fl-ewwel seduta quddiem il-Bord, fit-18 ta'Ottubru, 1991, ġie rikużat il-President ta' l-istes Bord billi dan kien diġa` ha konjizzjoni tal-vertenza li bħalissa kien hemm bejn il-partijiet, u *peress illi l-proċess ma kienx qiegħed għad-disposizzjoni* tal-Bord, il-kawża baqgħet differita għall-kontinwazzjoni għall-24 ta' Jannar, 1992. Din it-talba għar-rikuża ġiet estiża għall-membri tekniċi wkoll tal-Bord, u fit-3 ta' Lulju, 1992, il-Bord iddeċieda illi kemm il-President kif ukoll il-membri tekniċi ta' l-istess Bord kellhom jastjenu milli jieħdu konjizzjoni ulterjuri tal-kwisjtoni dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat in konnessjoni mal-ġurisdizjoni ta' l-istess;

Il-kawża ġiet appuntata quddiem membri u President differenti wara li sar rikors ukoll għal dan l-iskop mill-intimat għas-6 ta' Ottubru, 1992, meta d-difensuri tal-kontendenti ttrattaw l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisidizzjoni u l-kawża baqgħet differita għas-

sentenza dwar din l-eċċezzjoni għas-26 ta' Jannar, 1993, meta ngħatat id-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza;

Naturalment sar l-appell mill-intimat li ġie ppreżentat fil-5 ta' Frar, 1993, u saret ir-risposta tar-rikorrent appellanti waqt illi fil-15 ta' Frar, 1993, sar rikors mir-rikorrent odjern fejn ġibed l-attenzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell illi kienu għaddew ħdax-il sena sakemm ġiet biex tiġi deċiża l-eċċezzjoni preliminari tal-kompetenza, u talab illi l-appell jiġi ttrattat bl-urġenza bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali u bid-dispensa tal-ferje;

Fl-1 ta' April, 1993, l-Appell ġie differit biex jinstema' minn Qorti ta' l-Appell diversament presjeduta. Fit-30 ta' April, 1993, il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom u l-appell ġie differit għas-16 ta' Ġunju, 1993, għas-sentenza, f'liema ġurnata reġa' ġie differit għat-30 ta' Ġunju, 1993, għas-sentenza, f'liema ġurnata l-Appell ġie deċiż;

Din il-Qorti kkunsidrat:

Illi minn eżami ta' dan is-sunt huwa faċli li wieħed jikkonkludi illi l-maġġoranza stragrande tad-differimenti li saru f'din il-kawża, partikolarment sakemm damet quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kienu differimenti assolutament inutili u mhux ġustifikati;

Il-Qorti tiddejjaq tgħid dan, pero' tkun qed tonqos mill-kompitu tagħha li tesprimi dak illi jirriżultalha mingħajr tlaqliq jekk dan ma tgħidux;

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak illi jgħid l-intimat stess fir-risposta tiegħu illi l-Kostituzzjoni tipprovdi liġijiet u strutturi

sabiex il-kawżi jinstemgħu u jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli u ċertament dawn il-liġijiet u strutturi huma pjenament idonei sabiex eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' tribunal tiġi deċiża f'perijodu ferm inqas minn ħdax-il sena u mingħajr il-ħtieġa ta' sitta u sittin differiment;

Bħal ma jista' jgħid kull min hu konsapevoli mill-proċedura u l-prattika tal-Qrati, dawn huma idonei biex jiddeċiedu l-vertenza ta' bejn il-partijiet fi żmien ferm iqsar minn dak utilizzat, jew aħjar, moħli. Iċ-ċittadin għandu dritt jistenna li l-ġustizzja ssir fi żmien raġonevoli u dan ċertament ma sarx f'dan il-każ;

Għalkemm huwa veru li matul il-kors tas-snin u matul il-kors *tad-differimenti kien hemm okkażjonijiet meta mħallef kien* indispost, jew meta l-Qorti ta' l-Appell ma kinitx qegħda tiffunzjona b'mod normali, imma dawn ma kinux ir-raġuni għala l-kawża twalet. Biżżejjed wieħed jara l-kwantita` ta' differimenti wara li l-appell ġie kemm-il darba differit għas-sentenza biex jara dan;

Issa kif jinkwadraw ruħhom dawn il-fatti fl-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli?

Ma hemm l-ebda dubbju li, ammess illi l-istrutturi indikati *huma attrezzati biex jamministraw* il-ġustizzja b'aktar speditezza, il-konklużjoni loġika hi illi għal xi raġuni tali strutturi naqsu mill-obbligi tagħhom u oltrepassaw dak iż-żmien li raġonevolment huma mistennija li jieħdu fiċ-ċirkostanzi partikolari;

A skans ta' ekwivoku l-Qorti trid tagħmilha ċara li ma hemm l-ebda żmien li sagramentalment għandu jiġi kkunsidrat li joltrepassa

r-raġonevoli. Kull każ jgħum u jegħreq fuq il-merti partikolari tiegħu, biex nissellfu frażi mill-lingwa Ingliża;

X'inhi l-konsegwenza ta' dan id-dewmien? Il-konsegwenza hi illi l-Qorti tara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Att XIV ta' l-1987;

L-intimat qiegħed jitlob kumpens xieraq għal ksur ta' tali dritt;

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, l-abbli difensur ta' l-intimat sostna li ebda danni ma jistgħu ikunu dovuti billi r-rikorrent kien aġixxa quddiem forum ħażin, senjatament inkompetenti *ratione materiae*. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan. Iċ-ċittadin għandu d-dritt li jistenna ġustizzja bl-aktar ħeffa possibbli, kemm jekk għandu raġun u kemm jekk ma għandux. Jekk ma għandux raġun, il-Qorti għandha tgħidlu dan fl-iqsar żmien possibbli;

Fil-kawża **Stephen Attard** ***vs*** **Onor. Prim Ministru**, ċitata aktar 'il fuq, il-Qorti sabet illi kien hemm ksur ta' l-istess provvedimenti tal-liġi. Il-mertu kien naturalment differenti bħala fatti u dak li-r-rikorrenti kienu qed jilmentaw minnu kien il-ksur ta' l-artikoli dwar kawża fuq allegati ksur tad-drittijiet tal-liberta` ta' l-espressjoni u tal-liberta` tal-għaqda;

In materja ta' danni hemm diversi deċiżjonijiet ta' l-organi Ewropej li jistgħu jiġu ċitati, kollha bil-fattispeċje partikolari tagħhom;

Ir-rikorrent, kif jidher mix-xhieda tiegħu stess u min-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-abbli difensur tiegħu, ma huwiex qiegħed

jitlob danni reali, almenu f'dan l-istadju, imma danni kompensatorji, apparti d-dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu partikolari ġew leżi;

Din il-Qorti rat xi ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u rat ukoll id-deċiżjoni tal-Prim'Awla fuq imsemmija fil-każ ta' Stephen Attard *et*. Apparti dawk ċitati mill-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti rat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-applikazzjonijiet Minitti *vs Italy* rapport 9630/81 (15.10.87), Sallustio *vs Italy* rapport 11181/84 (12.12.86), Funke *vs France* rapport 10828 (6.10.88), Meier-Sax *vs Switzerland* rapport 12421/86 (11.5.88), Jaxel *vs France* rapport 11282/84 (13.3.89), Macedo *vs Portugal* rapport 11660/85 (19.1.89);

Il-Qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewopeja. Hemm każijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrent illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi. Hawn ir-rikorrent kellu l-vindikazzjoni ta' l-allegazzjoni tiegħu (*just satisfaction*) pero` ma ġiex akkordat kumpens materjali. Fost l-aktar ġurisprudenza reċenti in rigward il-Qorti rat Cooperativa Parco Cuna *vs Italy*, Lorenzi, Bernardini u Gritti *vs Italy* u Tumminelli *vs Italy* (ilkoll deċiżi 24.1.1992) u Ruiz Mateos *vs Spain* (23.6.1993);

Kien hemm imbagħad deċiżjonijiet fejn il-Qorti akkordat *kumpens għal danni morali*, dak li l-Qorti ssejjah, fil-fehma ta' din il-Qorti, pjuttost ekwivokament, *non-pecuniary damages*. Fost l-aktar reċenti hemm iż-żewġ każi ċitati mir-rikorrent fin-nota ta' riferenzi tiegħu, dik ta' De Micheli *vs Italy* (26 ta' Frar, 1993) u Billi *vs Italy* (ukoll fi-26 ta' Frar, 1993);

Kull każ kellu l-fattispeċje tiegħu. Dak ta' Roberta De Micheli,

li kienet qegħda tikkontesta mandat maħruġ kontra tagħha, jirrigwarda proċedura mibdija fis-16 ta' Settembru, 1986, li ġiet fit-tmiem b'sentenza finali fil-25 ta' Marzu, 1991. Il-Gvern Taljan ibbaża d-difiża tiegħu fuq:

*"the backlog of cases in the competent Court; they attributed this to the frequent transfers of judges and to the relative difficulty of replacing them"*;

Ir-rikorrenti ilmentat minn perijodi ta' inattivita' fil-proċedura ġudizzjarja. Il-Qorti sabet:

*".... in the first place that the case was not a complex one, which moreover the Government acknowledged. It then observes, like the Commission, that there were two periods during which the proceedings stagnated, namely from 8th June, 1987 to 21st November 1988, and from 11th December 1989 to 25th October, 1990"*;

Ix-xebħ bejn dawn il-fatti u dawk in eżami jirriżulta minn eżami tal-proċeduri li din il-Qorti għamlet sinteżi tagħhom aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Fil-każ ta' De Micheli l-Qorti ma sabitx li kien hemm danni reali, pero' akkordat lill-istess rikorrenti l-ammont ta' 25 miljun lira Taljana bħala *non-pecuniary* damages u ammont għall-ispejjeż;

Il-każ ta' Emma Billi kien ferm aktar komplikat. Kien hemm serje ta' perizji u perizji addizzjonali li min-natura tagħhom kienu jirrikjedu ċertu ammont ta' żmien biex jiġu kompletati. Kien hemm ukoll diversi konvenuti;

Iżda minkejja l-fatt illi diversi differimenti kienu ġustifikati, billi ntalbu għall-eżami tar-rapporti peritali, il-Qorti kkonkludiet illi kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Wara li nnutat il-komplessita` tal-każ, il-Qorti akkordat lil Billi 20 miljun lira Taljani li l-Qorti qalet kienu jinkludu kemm danni reali kif ukoll morali;

Il-kunċett ta' danni morali f'dan ir-rigward hu fondat fuq -

Il-ksur ta' obbligazzjoni statali fil-konfront ta' ċittadin li għandu d-dritt li jistenna li l-Istat jittutelalu d-drittijiet u mhux jiksirhom. Mhux il-każ illi l-Qorti tidħol hawn fil-fondamenti filosofiċi tad-drittijiet tal-bniedem. It-teoriji huma ħafna. Iżda fil-kunċett tas-soċjeta` tagħna, in segwitu għal kunċetti li animaw lill-Ewropa meta ġiet promulgata l-Konvenzjoni Ewropeja, il-bniedem għandu garanzija ta' ċertu drittijiet li l-Istat obbligat jittutela;

Il-ksur ta' tali drittijiet iġib miegħu għall-Istat konsegwenzi politiċi fis-sens lat, u jimponi wkoll l-obbligu li l-Istat jikkompensa adegwatament liċ-ċittadin partikolari. U r-rimedju taċ-ċittadin għal ksur mill-Istat ta' tali drittijiet jinkludi l-kumpens finanzjarju;

Tinqala' d-diffikulta` tal-*quantum* akkordabbli. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti f'dan ir-rigward:

Il-Qorti fil-kawża ta' Stephen Attard akkordat is-somma ta' Lm500 fuq fatti partikolari. Din il-Qorti tara li fil-każ preżenti il-frustrazzjoni u s-sens ta' inċertezza tar-rikorrent kien ta' entita` akbar;

Id-differiment għas-sentenza li jħalli lill-litigant bit-tama ta

deċiżjoni preċisa sakemm tiġi l-ġurnata mistennija u jingħata differiment bla raġuni plawsibbli ...., ngħidu aħna, għax il-Qorti kienet okkupata b'sentenzi oħra .... huwa kiefer. U dan l-aggravju jikber ma' kull differiment simili;

Il-materja li kellha tiġi deċiża mill-Qorti tant hi ta' natura intrinsikament sempliċi li setgħet ġiet deċiża fi kwistjoni ta' inqas minn siegħa;

*Il-Qorti mhix qegħda tiġi mitluba li takkorda danni materjali* li għalihom saret riserva;

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan il-*quantum* li jrid ukoll jiġi bilanċjat mal-posizzjoni ta' pajjiżna u mat-tradizzjoni ġudizzjarja tagħna. Il-Qorti ċertament tara li għadna 'l bogħod minn danni morali fil-livell ta' Lm10,000 kif jippretendi r-rikorrent tramite l-abbli difensur tiegħu fit-trattazzjoni;

Tanut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi u fatturi l-Qorti jidhrilha li għandha takkorda lir-rikorrent in linea ta' danni morali għal ksur *tad-drittijiet fuq imsemmija l-ammont ta' Lm1,700 (elf u seba mitt* lira Maltija)";

Fl-24 ta' Settembru, 1993, l-Onorevoli Prim Ministru ppreżenta rikors ta' appell, li bih illamenta li s-sentenza tas-16 ta' Settembru, 1993 kienet inġusta għal tlett motivi u ċjoe` li:

L-għoti ta' kumpens finanzjarju lir-rikorrent, speċjalment kumpens ta' l-entita` li ngħata, ma kienx ġustifikat;

Is-sentenza kienet nulla in kwantu ingħatat fi proċess li ma

kienx integru;



Is-sentenza appellata esaġerat is-sempliċita' tal-kwistjonijiet diskussi fil-kawża **Manduca *vs* Harding** billi anke iddeskriviethom bħala li kienu ta' sempliċita' tali li setgħu jiġu deċiżi "fi kwistjoni ta' inqas minn siegħa";

L-appellant talab li din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u, subordinatament, f'każ li dina l-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-każ li takkorda n-nullita', li dina l-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata kwantu din ordnat lill-appellant li jħallas danni morali lill-appellat - bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-appellat;

L-appellat, Major Peter Manduca, fir-risposta tiegħu wieġeb għal-lamenti ta' l-appellant, u ssottometta li s-sentenza appellata kienet ġusta u, salv għall-*quantum* tan-*non-pecuniary compensation*, kienet timmerita konferma;

Fl-istess risposta ta' l-appell, l-appellat Manduca ipprevalixxa ruħu mill-appell u interpona appell inċidentali. Huwa talab li s-sentenza in kwistjoni tiġi riformata billi prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-appellant, l-istess sentenza tiġi konfermata fid-dikjarazzjoni konklużjonali tagħha, u tiġi modifikata in kwantu l-ammont ta' Lm1700 in linea ta' danni morali jiġi awmentat in linea ta' kumpens mhux pekunjarju - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellant;

B'nota ippreżentata fis-17 ta' Novembru, 1993 l-appellant l-Onorevoli Prim Ministru illimita l-appell tiegħu għall-ewwel u l-aħħar aggravji fuq imsemmija. Fil-verbal tas-seduta miżmuma fl-

istess data, l-appellant spjega li l-aggravju numru tnejn (ċjoe' li s-sentenza kienet nulla in kwantu ngħatat fi proċess li ma kienx integru) kien rinunzjat;

Fir-risposta ta' l-appell tal-Maġġur Manduca ngħatat l-eċċezzjoni preliminari tar-rikuża tal-Onorevoli Prim Imħallef u tal-Onorevoli Dottor Carmel A. Agius milli jisimgħu dana l-appell billi huma kienu fost il-ġudikanti fil-kawża **Major Peter Manduca *vs* l-Onor. Imħallef Dr. Hugh Harding**, li l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat leżiva tad-drittijiet fundamentali ta' l-appellat stante dewmien attribwibbli lil ġudikanti f'dak il-każ;

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 1994 l-imsemmija Imħallfin ippreżentaw separatament nota li biha astjenew milli jieħdu konjizzjoni ulterjuri ta' dana l-appell. Fin-nota tal-Onorevoli Prim Imħallef ġie preċiżat li l-astensjoni kienet qiegħda ssir billi huwa kien jippresjedi l-Qorti ta' l-Appell, li ppronunzjat żewġ sentenzi fl-imsemmija kawża u dana fil-perjodi mis-26 ta' Ottubru, 1990 sas-7 ta' Ottubru, 1991 (data tal-ewwel sentenza) u mill-5 ta' Frar, 1993 sat-30 ta' Ġunju, 1993 (data tat-tieni sentenza) u dawn il-perijodi kienu kompriżi fil-perijodu ta' żmien li kkonsidrat is-sentenza appellata;

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fih diversi disposizzjonijiet, intiżi biex jassiguraw li kull persuna f'Malta jkollha l-protezzjoni tal-liġi. Fost l-ingredjenti li jissemmew fis-subartikolu (2) hemm li meta persuna tibda proċeduri għal deċiżjoni dwar l-esistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili, quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi, "**il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli**";

Dana l-aħħar imsemmi ingredjent jiffigura wkoll fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950. Din il-konvenzjoni (li 'l quddiem tissejjaħ 'il-Konvenzjoni Ewropea") saret in parti esegwibbli bħala parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa ta' l-Att Numru XIV ta' l-1987. Infatti, l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni (li hu rrapportat fl-Ewwel Skeda annessa ma' l-imsemmi Att) jiddisponi li:

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu .... kulħadd huwa intitolat għal smigħ .... __fi żmien raġonevoli__ minn tribunal imwaqqaf b'liġi";

Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u li din tiġi deċiża fi żmien raġonevoli neċessarjament jimponi fuq l-Istat li jħaddan dan id-dritt, id-dover reċiproku li jassigura f'Malta l-eżistenza u żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Id-dewmien fl-ipproċessar tal-kawżi kien minn dejjem problema kbir, li jifni l-Qrati, tista' tgħid, ta' kull pajjiż. Il-proċess ġudizzjarju, minnu nnifsu, huwa proċess kompless u komplikat fejn il-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt jinħtieġu stħarriġ dettaljat, ta' sikwit, f'aktar minn istanza waħda. Is-sentenzi li jikkonfezzjonaw il-ġudikanti, sabiex itemmu d-disputa, jaħbu ħafna xogħol laborjuż li ta' spiss ma jiġix apprezzat. Is-sentenzi jinbdew bħala proċess mentali, pjuttost diffikultuż, li jirrikjedi konoxxenza, apprezzament, valutazzjoni u deċiżjoni fuq il-kontenut kollu proċesswali. Dan il-proċess huwa segwit bil-kitba materjali ta' sentenza ordnata u studjata li tkun tinkludi esposizzjoni dettaljata tar-raġunijiet u motivi li minħabba fihom il-parti sokkombenti tilfet il-kawża u r-raġunijiet

għaliex il-parti l-oħra ħarġet rebbieħa. Dan il-vjaġġ proċesswali rarament jippermetti skorċjatojji. Soluzzjonijiet faċli u irħas, kif ukoll l-għaġġla żejda u mhux f'waqtha, għandhom l-insidji tagħhom, billi ta' spiss jirrendu ruħhom għajn ta' inġustizzja ma xi parti;

Biex il-Qrati jkunu f'posizzjoni li jaqdu sewwa d-dover tagħhom li jamministraw ġustizzja tajba u f'waqta, **f'kull** kawża, huwa indispensabbli jkunu organizzati tajjeb u li jkunu provduti mill-Eżekuttiv b'dawk l-istrutturi, l-għodod u r-risorsi kollha meħtieġa. Meta dawn il-mezzi ma jiġux provduti tempestivament, ix-xogħol fil-Qrati malajr jibda' jaqa' lura. Aktar ma jtul iż-żmien li fih is-sitwazzjoni titħalla tiddeterjora aktar jimmoltiplikaw ruħhom il-problemi. Il-Qrati isibu ruħhom innondati b'baħar bla qies ta' kawżi, u l-ġudikant ma jistax ma jarenax taħt il-piż oberanti tal-volum kbir ta' kawżi li jirrenduh ineffiċjenti f'xogħolu. Dana jiġri għaliex, il-massa enormi ta' kawżi li ġeneralment *jiret* bħala *backlog* malli jidħol fil-kariga, tiġi awmentata, ta' kuljum, bi xmara dejjem dieħla u dejjem tikber ta' kawżi ġodda li jiġu assenjati lilu. F'ċirkostanzi simili, ix-xewqa u l-impenn tal-ġudikant li jagħti **lill-kawżi kollha** "Smiegħ xieraq, għeluq żmien raġonevoli", kif trid il-Kostituzzjoni, jibqa' ideal ta' spiss irraġġunġibbli fil-prattika, bir-riżultat li ħafna ċittadini jsofru tbatija intollerabbli f'soċjeta' demokratika;

Meta tiġi intavolata kawża, bħal dik odjerna, bażata fuq allegazzjoni ta' dewmien irraġonevoli fl-amministrazjoni tal-ġustizzja, l-operat ta' ġudikant partikolari fil-qadi ta'dmirijietu, jitpoġġa taħt il-lenti. Billi huwa ma jkunx (u ma għandu qatt ikun) parti f'kawża bħal din, huwa ma jkunx jista' jiddefendi ruħu fuq kwistjoni delikata li tolqot il-fama professjonali tiegħu. Sakemm

ma ssirx prova kuntrarja, il-ġudikant għandu jgawdi minn presunzjoni li huwa professjonist doveruż u li għalhekk kellu raġuni tajba li mpedietu milli jisma' u jaqta' kawża, fi żmien raġonevoli. Ċertament, biex issir ġustizzja **ukoll** mal-ġudikant partikolari, l-investigazzjoni tad-dewmien m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari li damet iżda tali investigazzjoni, jekk issir, għandha ssir f'termini ferm aktar wiesgħa, li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dak il-ġudikant partikolari kellu jopera fiż-żmien relattiv;

Infatti, din il-Qorti jidhrilha li jkun żball kbir jekk l-operat ta' ġudikant, f'kawża partikolari li allegatament damet irraġonevolment, jiġi konsiderat isolatament, ċjoe' f'vakwu assolut u bħallikieku l-ġudikant partikolari kellu pendenti quddiemu **biss** dik il-kawża waħda li damet. L-indaġni lanqas għandha ssir fi sfond irreali, bħal jekk jiġi presunt li l-ġudikant ingħata numru limitat u meqjus ta' kawżi li magħhom seta' jlaħħaq sodisfaċentement. Din l-investigazzjoni, jekk ikun hemm bżonn li ssir, għandha ssir ġustament fil-kuntest u fil-perspettiva tas-sitwazzjoni reali u konkreta li fiha kien qiegħed jiffunzjona l-ġudikant partikolari matul iż-żmien kollu li kienet pendenti il-kawża li damet;

Din il-Qorti ma hijiex sejra tikxef l-ebda sigriet meta tissenjala li l-Qrati f'pajjiżna, sfortunatament, tħallew jiffunzjonaw għal ħafna snin f'sitwazzjoni kważi ta' kriżi. Dan il-fatt, ormaj, sar magħruf minn kulħadd u jissemma b'ċerta assidwita' mill-mezzi tal-komunikazzjoni, li juru l-preokkupazzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' effiċjenza fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna. Il-Qorti ma tistax ma tiħux *judicial notice* ta' dan il-fatt notorju, kif ukoll tal-fatti li joħorġu anke minn eżami superfiċjali, ta' l-istatistika dwar il-ħidma ġudizzjarja, li ilha ħafna snin tiġi pubblikata regolarment.

Din l-istatistika tindika li l-ġudikanti kienu għal ħafna żmien, u huma wkoll fil-preżent, kostretti li jaqdu il-funzjonijiet delikati tal-kariga tagħhom, b'risorsi limitatissimi u taħt il-piż stressanti ta' numru eċċissivament kbir ta' kawżi, li umanament ma jistgħu qatt ilaħħqu magħhom kollha. Il-konsegwenza ma tistax ma tkunx li, nonostante l-impenn u d-dedikazzjoni tal-ġudikant, ħafna kawżi ma jkollhomx smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli u dana ta' spiss mingħajr ebda ħtija jew responsabbilta` tal-ġudikant in kwistjoni;

Ħafna mill-konsiderazzjonijiet li għadhom kif issemmew ma ġewx meqjusa fis-sentenza appellata, li jidher li għaġġlet titfa l-ħtija tad-dewmien fil-kawża partikolari fuq il-ġudikanti li kellhom x'jaqsmu mal-proċess:

"Jekk hemm xi tort, dan it-tort hu tal-ġudikanti li ħallew il-kwistjoni titwal inutilment";

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-fehma, għaliex tidher konklużjoni skorretta, bażata fuq viżjoni pjuttost sempliċistika tal-kwistjoni. Is-sentenza appellata naqset li tiddistingwi bejn l-operat partikolari tad-diversi ġudikanti involuti li kollha intefgħu f'keffa waħda. Inoltre, s-sentenza appellata tippekka wkoll minħabba l-fatt li, jekk inħasset il-ħtieġa li ssir indaġni u pronunzjament dwar ir-responsabbilta` o meno tal-ġudikanti li ma kinux parti fil-kawża, almenu tali indaġini kien imissha saret ġustament fil-perspettiva mill-kuntest tad-doveri **<u>kollha</u>** li kull ġudikant involut kellu mitfugħa fuqu, fiż-żmien partikolari kunsidrat fis-sentenza appellata;

Kien missu sar hekk għaliex, fl-ipotesi li l-ġudikant jingħata volum ta' doveri wisq akbar milli huwa seta' umanament u

raġonevolment ilaħħaq magħhom, hija ħaġa mil-lewn id-dinja li x-xogħol kollu, jew almenu parti minnu, bilfors kellu jaqa' lura u d-dewmien m'għandux jiġi addossat lil ġudikant, billi l-organi ġudizzjarji assolutament ma għandhom l-ebda kontroll, la fuq in-numru ta' ġudikanti li jiġu nominati sabiex ilaħħqu mal-kawżi kollha, u lanqas fuq il-ħolqien ta' l-istrutturi u fuq l-allokazzjoni tar-risorsi u mezzi li jkunu essenzjali, għat-twettiq b'mod xieraq u f'waqtu, tal-ħidma ġudizzjarja;

Invece, *ir-responsabbilta' tad-dewmien, f'dina l-ipotesi, trid* tintrefa' mill-Esekttuv, li, fost doveri oħra għandu r-responsabbilita' li jassigura amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja f'pajjiżna. L-Eżekuttiv għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-istatistika ġudizzjarja kemm dik lokali u kemm dik barranija, li tiswa wkoll fuq livell komparattiv, sabiex jittieħdu l-misuri opportuni tempestivament sabiex id-dritt fundamentali tal-bniedem li l-kawżi jingħataw dejjem smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, jiġi salvagwardat. L-Eżekuttiv għandu l-obbligu li jara li fil-Qrati ma jitħalliex jakkumula *backlog* ta' kawżi, u jekk dan il-*backlog* jibda' jassumi proporzjonijiet allarmanti, huwa dover tal-Gvern li jipprovdi ir-rimedji kollha opportuni sabiex *jinnormalizza s-sitwazzjoni. In-*numru tal-ġudikanti għandu dejjem ikun tali li, dawn ikunu jistgħu raġonevolment ilaħħqu mal-litigazzjoni ġenerali fil-pajjiż. Inoltre, il-Qrati ma jistgħux jiffunzjonaw b'effiċjenza jekk il-Gvern ma jipprovdihomx bl-istrutturi, l-għodda u r-risorsi kollha meħtieġa għat-twettiq tal-ħidma tagħhom u jekk il-Gvern ma jassigurax l-indipendenza tal-Qrati fil-prattika;

Illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tkompli tapprofondixxi din il-parti tas-sentenza, billi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant, l-Onorevoli Prim Ministru irrinunzja għat-tieni mottiv ta' l-appell

tiegħu, u għalhekk ma għadux jinsisti li huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna. Ma hemmx għalfejn jingħad hawn, li l-appellant ma huwiex mħarrek f'din il-kawża fil-vesti personali tiegħu, iżda biss *qua* Prim Ministru u ċjoe` bħala l-persuna li jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta fil-kollettivita` tiegħu;

Illi l-appellant mill-ewwel ikkonċeda li l-kwistjoni investigata fil-kawża **Manduca *vs* Harding**, ċjoe` kwistjoni dwar kompetenza ta' tribunal, kien imissha tiġi deċiża f'perijodu ferm anqas mill-ħdax-il sena li ħadet. Din il-Qorti wkoll tikkondividi din il-fehma u konsegwentement, din il-Qorti, bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti issib dewmien irraġonevoli fl-ipproċessar ta' l-imsemmija kawża bi ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija fil-konfront ta' l-appellat Manduca;

L-Istat, bħala l-garanti ta' dawn id-drittijiet, huwa responsabbli għal dan il-ksur tad-drittijiet u huwa obbligat li jagħmel tajjeb għal-leżjoni li sofra l-istess appellat. Għalhekk huwa għandu d-dritt li jitlob li jingħata r-rimedju li jixraq għall-każ tiegħu;

Illi l-appellant l-Onorevoli Prim Minsitru qiegħed isostni illi s-sentenza appellata żbaljat meta irriteniet li:

"Il-materja li kellha tiġi deċiża mill-Qorti tant hi ta' natura intrinsikament sempliċi li setgħet ġiet deċiża fi kwistjoni ta' anqas minn siegħa";

L-appellant sostna li l-kawża involviet l-istudju ta' punti legali ġodda u pjuttost komplessi u fil-kors tagħha ingħataw ħames sentenzi. Issottometta wkoll li l-adozzjoni ta' posizzjoni estrema bħal dik addottata mill-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-mertu tal-

kawża in kwistjoni ma kinitx ġustifikata u kienet barra minn lokha;

Din il-Qorti eżaminat akkuratament l-atti kollha tal-proċess **Major Peter Manduca *vs* Onorevoli Imħallef Dr. Hugh Harding**, deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ġunju, 1993. Is-sentenza appellata fiha sunt kronoloġiku ta' dak li ġara f'dak il-proċess u għalhekk ma hemmx bżonn li dak li ntqal hemm jiġi ripetut. Pero`, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li rriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, ċjoe` li l-kwistjoni li kellha tiġi deċiża kienet waħda mill-aktar sempliċi u li setgħet tiġi deċiża f'anqas minn siegħa. Għal kuntrarju, il-kwistjoni prinċipali f'dik il-kawża, ċjoe` jekk il-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba kienx kompetenti jew le li jieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-appellat għar-ripreża tal-pussess ta' ġnien lokat lill-Onorevoli Imħallef Harding, kienet waħda li ġiet trattata bħala ta' indoli pjuttost komplessa. L-aspett fattwali ma ppreżenta l-ebda diffikulta`, iżda l-aspett legali iġġenera dibattitu mill-aktar akkanit. Infatti, d-difensuri ħassew il-ħtieġa li jissottomettu noti ta' osservazzjoni estensivi. Dwar il-kwistjoni tal-Kompetenza ngħataw b'kollox tlett sentenzi li komplessivament fihom mal-erbgħin faċċata. Tnejn minn dawn is-sentenzi irrispinġew l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-Onorevoli Imħallef Harding u affermaw il-kompetenza tal-Bord imsemmi. Is-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1993 invece, affermat il-kuntrarju. Il-fatt li żewġ ġudikanti iddeċidew mod u tlett ġudikanti oħra iddeċidew mod ieħor, ma jistax ma jindikax li l-kwistjoni li kellha tiġi deċiża kienet tippreżenta ċerta diffikolta` u ċertament ma kinitx daqshekk sempliċi kif iddeskrivietha s-sentenza appellata;

Ta' min jgħid ukoll li, apparti din il-kwistjoni prinċipali, il-kompetenza, il-kawża involviet żewġ dibattiti oħra inċidentali li komplew jikkomplikaw u jtawwlu l-kawża. Kien hemm bżonn ukoll

żewġ deċiżjonijiet oħra, waħda dwar nullita` tas-sentenza tal-Bord imsemmi, in kwantu ma ngħatatx mill-President biss, billi kienet tikkonċerna kwistjoni ta' liġi biss u s-sentenza l-oħra kienet tirrigwarda deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-membri ta' l-istess Bord u li nneċessitat li jsiru s-surrogi opportuni;

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li parti mid-dewmien riskontrat fil-qtugħ ta' dik il-kawża għandu jiġi attribwit ukoll għar-riġidita` ta' ħafna mill-proċeduri ġudizzjarji tagħna u għall-komplessita` li minn xi daqqiet jassumu fil-Qorti ċerti kwistjonijiet li mad-daqqa t'għajn jidhru kwistjonijiet sempliċi. Dak li hu żgur hu, li l-kawża in kwistjoni ħadet ħdax-il sena biex inqatgħet, u dan huwa, taħt kull aspett, żmien eċċessivament twil li fiċ-ċirkostanzi ma jistax jitqies żmien raġonevoli;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti espliċitament stqarret li fl-iffissar tal-*quantum* tal-kumpens għad-dewmien li akkordat, hija ħadet in konsiderazzjoni wkoll li l-kawża qisitha li setgħet tiġi deċiża fi kwistjoni ta' anqas minn siegħa. La darba din il-Qorti ma tistax tissottoskrivi din il-kostatazzjoni, isegwi li l-Ewwel Qorti ibbażat il-*quantum* tal-kumpens li akkordat fuq kriterju li din il-Qorti qegħda tqisu bħala żbaljat. U din ir-riflessjoni twassal għall-ewwel lament ta' l-appellant;

L-appellant isostni li d-dikjarazzjoni mill-Qorti li kien hemm leżjoni ta' dritt fundamentali, tikkostitwixxi *just satisfaction* u li għalhekk, ma hemmx lok li l-appellat jingħata ebda kumpens finanzjarju għad-danni morali li sofra minħabba d-dewmien;

Illi d-dritt fundamentali taċ-ċittadin li jistenna li l-kawżi jinqatgħu fi żmien raġonevoli ilu salvagwardat fil-Kostituzzjoni

għal dawn l-aħħar tletin (30) sena. Dan id-dritt ġie riaffermat fl-Att Nru. XIV ta' l-1987 u ċ-ċittadin ingħata d-dritt ferm importanti tal-petizzjoni individwali kif imsemmi fl-artikolu 25 tal-Konvenzjoni Ewropeja. B'dan ir-rimedju straordinarju ċ-ċittadin jista' jissalvagwardja b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali tiegħu, inkluż dak li jkollu l-kawża tiegħu maqtugħa fi żmien raġonevoli;

*Evidentement*, hija r-rieda tal-Gvern Malti li dawn id-drittijiet fundamentali jiġu osservati f'Malta. Iżda biex din ir-rieda tal-Gvern tiġi implimentata fil-prattika, hemm bżonn li tkun sostnuta b'azzjoni flokha u li tkun appoġġjata bl-allokazzjoni tal-mezzi kollha neċessarji għat-twettiq tagħha fir-realta'. Jekk dan ma jsirx iċ-ċittadin ma jkunx jista' jgawdi d-drittijiet fundamentali fil-milja kollha tagħhom. Għalhekk, kwantu jikkonċerna *l-każ odjern*, il-Gvern hu fid-dover, mhux biss li jipprovdi liġijiet u Qrati, iżda hu obbligat li jagħmel dak kollu neċessarju sabiex f'Malta jkun hawn sistema ta' amministrazzjoni tal-Ġustizzja effiċjenti u li ma tippermettix tul ta' żmien inġustifikat fl-ipproċessar tal-kawżi;

Wara li għadda tant żmien mill-promulgazzjoni tad-dritt fundamentali in kwistjoni, huwa fatt notorju li l-Qrati tagħna għadhom 'l bogħod ħafna minn dik l-effiċjenza tant mixtieqa. Il-ġudikanti ma jistgħux ma jħossuhomx frustrati b'dan il-fatt, meta jaraw li huma ma jistgħux jagħtu servizz sodisfaċenti lill-persuni li jużaw *il-Qorti*. L-Onorabbli *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irreġistrat* dan il-kumment, fost oħrajn, fil-kawża fl-ismijiet **Stephen Attard *noe vs* l-Onorevoli Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri** *et* deċiża fid-29 ta' Ottubru, 1992:

"Is-sitwazzjoni li fuqha qegħdin nitkellmu ma wasletx biex tasal fejn waslet, ħabta u sabta; kien jidher mhux biss bil-mod kif

kienu mexjin il-kawżi in ġenerali, .... imma anke mill-inadekwatezza tal-makkinarju amministrattiv, min-nuqqasijiet ta' postijiet ta' uffiċjali b'doveri assistenzjali għal ġudikanti, min-nuqqas fin-numru u daqs ta' ambjenti fejn jisvolġi is-smiegħ tal-kawżi, mir-ritmu tal-proċessar tal-kawżi in ġenerali, min-numru dejjem jikber u min-natura ta' kawżi ġodda li kienu deħlin, mill-ilmenti dwar dawn is-soġġetti tant ripetuti u spissi fil-vuċi tal-poplu u tar-rappreżentanti tiegħu fil-Parlament. Il-Gvern f'dak iż-żmien kellu kwadru ċar biżżejjed li jindika li riformi aktar drastiċi u radikali minn dawk il-ftit li kienu saru, kellhom jsiru biex tissaħħaħ l-istruttura kollha kemm hi fil-qasam tal-Ġustizzja u biex il-liġijiet proċedurali isirulhom iżjed emendamenti ħalli l-Qrati jkunu jistgħu dejjem ilaħħqu max-xogħol tagħhom. L-esperjenza uriet, (u dan hu fatt notorju), li dak li sar ma kienx biżżejjed";

Sentejn wara li sar dan il-kumment, wieħed ikollu b'dispjaċir jinnota li s-sitwazzjoni ftit li xejn inbidlet fil-Qrati tagħna. F'ċirkostanzi bħal dawn, meta neċessarjament huma numerużi ħafna l-kawżi li jdumu ż-żejjed biex jinqatgħu, is-sempliċi rikonoxximent ġudizzjali tad-dewmien, ftit li xejn ma huwa rimedju suffiċjentement effettiv. Iċ-ċittadin x'aktarx li ma jakkwista ebda sodisfazzjon effettiv b'rikonoxximent bħal dan. Anzi, jekk ikun ċittadin ċiniku jista' faċilment jaħseb li l-Istat imexxielu jgħaddi ż-żmien bih għal darba oħra;

L-uniku rimedju li ġustament seta' jingħata fil-każ odjern sabiex jipprovdi miżura ta' solliev għat-tbatija, anzjeta', inċertezza u l-qtiegħ il-qalb li neċessarjament sofra l-appellat minħabba d-dewmien inġustifikat tal-kawża tiegħu, kien li huwa jiġi akkordat kumpens finanzjarju adegwat;

Illi l-appellant qiegħed jargumenta li l-ammont ta' kumpens akkordat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-somma ta' Lm1700 ma hux ġustifikat fl-entita' li ngħata u għandu jiġi ridott. L-appellat - bl-appell inċidentali - min-naħa l-oħra qiegħed jitlob li l-ammont in kwistjoni jiġi awmentat sostanzjalment għaliex li kieku tilef din il-kawża u appella Strasbourg huwa kien jirċievi somma *record*;

Fid-deliberazzjonijiet tagħha din il-Qorti ħadet in *konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:*

a) F'dan il-każ id-dewmien ma kienx wieħed marġinali. Kien wieħed eċċessiv fiċ-ċirkostanzi u għalhekk aktar inġustifikat;

b) Il-kawża kienet tikkonċerna talba għar-ripreża tal-pussess ta' ġnien lokat. Kwistjonijiet dwar proprjeta' normalment huma konsiderati anqas meritevoli ta' kumpens għad-dewmien minn kawżi oħra li jolqtu aktar mill-qrib lill-individwu, bħal ma huma kawżi dwar risarċiment wara mewt jew korriment f'inċidenti, jew kawżi li jikkonċernaw l-istatus ta' persuni jew l-istat mentali tagħhom;

ċ) Id-dewmien fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja neċessarjament jikkawża frustrazzjoni, qtiegħ il-qalb u tbatija bla bżonn. L-appellat ma pprovax li sofra xi tbatija addizzjonali aktar gravuża jew oppressiva minn dik li wieħed normalment jassoċja mad-dewmien;

d) Għalkemm l-appellat ma jidhirx li kkontribwixxa għad-dewmien, pero' ma jidhirx lanqas li huwa intraprenda xi inizjattiva speċjali biex jissolleċita speditezza fl-adament tal-kawża. L-ewwel senjalazzjoni lil Qorti li tillamenta dwar id-dewmien fl-għoti tas-

sentenza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell, infatti, ma saritx mill-appellat iżda invece saret mill-kontro-parti tiegħu, cjoe` l-Onorevoli Mħallef Harding fis-7 ta' Marzu, 1990. Inoltre, l-appellat ħalla ħdax-il sena jgħaddu qabel ma rrikorra għar-rimedju kostituzzjonali. Dan ir-rimedju kien evidentement effettiv anke għaliex il-kawża li l-appellat intavola fit-2 ta' Awissu, 1993, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta għar-ripreża tal-pussess tal-ġnien in kwistjoni ġiet deċiża fil-mertu, fi żmien relattivament qasir, eżattament fit-28 ta' April, 1994. L-appell relattiv, għadu pendenti;

e) L-appellat intavola l-kawża quddiem tribunal li rriżulta ma kienx kompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba għar-ripreża tal-pussess tal-ġnien;

f) L-ewwel Onorabbli Qorti qieset li l-kawża in kwistjoni setgħet tinqata' fi kwistjoni ta' anqas minn siegħa. Din il-Qorti diġa` esprimiet il-fehma li din hija viżjoni sempliċistika wisq għaliex il-kwistjonijiet li kellhom jiġu investigati ma kinux daqshekk faċli;

Illi wara li din il-Qorti kkunsidrat dawn il-fatturi kollha jidhrilha li l-ammont likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti kien wieħed eċċessiv fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti jidhrilha li l-appellat *arbitrio boni viri* ħaqqu kumpens għad-danni morali li sofra minħabba d-dewmien li għandu jiġi ffissat fis-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira maltija);

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru fejn talab li s-sentenza appellata tiġi mħassra u annullata u minflok tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu dina kkonstatat ksur fil-konfront ta'

l-appellat, il-Maġġur Manduca, tad-drittijiet fundamentali protetti bl-*artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni* ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dana fis-sens kif fuq spjegat;

Tilqa' in parti l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru fejn illamenta li l-kumpens finanzjarju, fl-entita' li ngħata, kif inġustifikat u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant li jħallas lill-appellat l-ammont ta' Lm1700 in linea ta' danni morali u minflok tikkundanna lill-appellant Onorevoli Prim Ministru li jħallas lill-appellat Manduca is-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltija) bħala danni mhux pekunjarji;

Tiċħad l-appell inċidentali ta' l-appellant Manduca;

Tordna li l-ispejjeż tal-Prim'istanza jitħallsu kif ġew hemm deċiżi, waqt li dawk ta' dina l-istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.